MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2013

Numru. 124/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**NAZZARENO VASSALLO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nazzareno Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 436467 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-3 ta` Jannar, 2010 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta` filghaxija (22:15hrs) fi Triq it-Tempesta, Qrendi:

1. B'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta` tharris ta` regolamenti, ikkaguna il-mewt ta` Ernest Micallef;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta` tharris ta` regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAB664 tal-marka Peugeot kif ukoll hsara fuq xarabank bin-numru tar-registrazzjoni DBY441;
3. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq karozza tal-linja bin-numru tar-registrazzjoni DBY441 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 225 (1), 328 (a), 17, 33, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li l-Qorti hija stess kienet ghamlet access fuq il-lok fejn gara l-incident.

**Ikkunsidrat**:

Dan il-kaz jikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fil-*by-pass* tal-Qrendi, Triq it-Tempesta, il-Qrendi fit-3 ta` Jannar 2010 fl-ghaxra nieqes kwart ta` filghaxija (22:15hrs) fejn tilef hajtu Ernest Micallef. L-imputat, Nazzareno Vassallo, li kien qieghed jittanta illi, mill-*by-pass* tal-Qrendi, jidhol ghac-centru tal-Qrendi, biex

nifthiemu ghall-pjazza quddiem il-knisja u kien qieghed fil-process illi, mid-direzzjoni li gej mill-Belt, jdur ghal gewwa t-triq li tghati ghac-centru tar-rahal. Biex idur ghal din it-triq bilfors kellu jaqsam il-karregjata opposta tal-*main road* li huwa kien qieghed fiha u, filfatt, dan kien qieghed jaghmel meta sehh l-incident. Ernest Micallef, li dak il-hin, kien qed isuq vettura tal-marka Peugeot numru tar-registrazzjoni BAB664 kien gej min-naha opposta, fil-karregjata opposta min-naha tal-Midruba, u cioe` gej minn direzzjoni ta` quddiem il-karozza tal-linja li kienet qedgha ddur u b'hekk sehh l-incident fejn tilef hajtu Ernest Micallef u fejn gew ikkawzati l-hsarat taz-zewg vetturi menzjonati fl-att ta` akkuza.

Illi xehedet l-iSpettur Priscilla Caruana fejn, fost affarijiet ohra, xehedet li meta hija kienet kelmet lill-imputat fuq il-post tal-incident meta hija ghamlet l-access fuq il-post dak in-nhar tal-incident illi l-imputat kien qalla li

"kien waqqaf ix-xarabank u ghamel l-*indicators* sabiex jikser lejn il-pjazza tal-Qrendi fejn, hemmhekk, kienet gejja vettura u habtet *head-on* mieghu u, bid-daqqa, ix-xarabank kienet daret, daret daqsxejn lejn ix-xellug (il-wara taghha)"

Illi dina x-xhieda hija kkonfermata minn dik ta` PS1602 Marco Mifsud li kein kellem lill-imputat fil-hin tal-incident flimkien ma` l-iSpettur Priscilla Caruana. Jixhed ukoll illi l-imputat ma kienx taht l-effett ta` xorb alkoholiku stante illi, dak il-hin, sarulu t-testijiet opposti. Giet prezentata l-okkorrenza.

Illi rilevanti fir-rapport tal-**Malta Insurance Pool** ipprezentat mix-xhud Maria Pisani huma tlett (3) affarijiet:

1. It-tul tal-*brake marks* illi urew il-vettura misjuqa minn Ernest Micallef;
2. Il-posizzjoni ta` qabel u wara l-incident taz-zewg vetturi;
3. Dak li qal l-imputat lill-*insurance* u cioé:

"Jiena rajt il-vettura l-ohra gejja ssuq hafna u waqqaftlu. Malli ghollejt wicci biex nara ghaddhiex (kwistjoni ta` sekonda kollox) sibtu go fiha".

Illi l-Qorti sejra issa tezamina l-process verbal redatt mill-Qorti Inkwirenti u li x-xhieda tal-esperti hemm inkluzi:

Joseph Zammit:
1. L-imputat ma kienx qed isuq bi *speed* stante li, fil-hin tal-incident, huwa kien qieghed jimmanuvra biex idur mill-*by-pass* ghall-pjazza tal-Qrendi;
2. Is-sewwieq tal-Peugeot induna b'dan u applika l-*brakes* u spicca jitkaxkar ghal distanza ta` 14.33m sakemm habat max-xarabank bil-parti frontali tieghu. Iz-zewg vetturi soffrew hsarat estensivi;
3. L-incident ma sehhx minhabba xi hsara teknika fiz-zewg vetturi;
4. Illi t-tort jattribwieh ghaz-zewg sewwieqa.

Il-Perit Richard Aquilina:
Illi jikkonferma:
1. Li hsarat estensivi li soffrew iz-zewg vetturi involuti fl-incident;
2. Il-*brake marks* li huma indikati b'mod car fil-pjanta mhejjija minn dan ix-xhud.

Dr. Joseph Mifsud:
1. Illi l-perit legali wkoll jattribwixxi t-tort ta` dan l-incident lill-imputat u lil Ernest Micallef. Wiehed bil-posizzjoni li lahaq gab fiha x-xarabank b'nofsha tisporgi gewwa l-kareggjata opposta u l-iehor bi *speed* qawwi li kien ghaddej li ghamilha aktar difficli ghalih li jwaqqaf il-vettura fil-hin meta sab il-karozza tal-linja ma` wiccu;
2. Illi milli provi prodotti u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz johrog li l-imputat ikkontribwixxi bi shih ghal dan l-incident, u eventwalment, it-telf tal-hajja ta` Ernest Micallef, li kuntrarju ta` dak li qal, ma rrizultax li kien wiqeaf waqt l-incident izda kein qieghed idur u kien diga fil-karreggjata l-ohra fejn imblokka t-triq tal-vettura l-ohra;

3. Illi huwa importanti li fil-lejl tal-incident il-kundizzjonijiet tat-triq kienu tajbin, triq dritta, *dual carriageway*, niexfa u vizibilita` cara.

<u>L-esperti patologici</u>:
Illi Ernest Micallef miet kawza ta` *fractured skull* wara incident tat-traffiku.

<u>Mario Buttigieg</u>:
Illi dan huwa l-uniku espert illi ta tort unikament lill-imputat. Ir-raguni ta` dina l-konkluzjoni hija l-*brake marks* li halla warajh Ernest Micallef li huwa ta` 14.33m illi jsarfu f'*circa* 46 kilometri fis-siegha u, ghalhekk, velocita` moderata, skont dan l-espert. Li ma hax in konsiderazzjoni is-Sur Buttigieg hija s-sahha tal-impatt li kienet ta` 15,000 *newtons* u cioé vjolenti liema vjolenza giet assorbita fil-forza tal-impatt. Il-*brake marks* wahedhom ma jistghawx jistabilixxu l-velocita`, milli jidher eccessiva, li kien ghaddej bih Ernest Micallef.

Illi xehed ukoll bil-gurament l-imputat illi, bil-gurament tieghu huwa jikkonferma li, fil-hin tal-incident huwa kien wieqaf imma parzjalment sporgut fil-karreggjata opposta sabiex jidhol lejn il-pjazza tal-Qrendi.

Illi l-Qorti wkoll taghmel riferenza ghall-minuti taghha mehuda waqt l-access illi hija ghamlet fil-31 ta` Ottubru 2012 fejn kienet irrimarkat:

1. Izda xejn ma jbiddel il-fatt illi x-xarabank kien sporgut minn go triq principali ghat-Triq Antonio Chircop fid-direzzjoni zbaljata;
2. Illi l-vizwali fit-Triq Tempesta gej mid-direzzjoni li kien gej il-vittma hija wahda tajba immens tant li hija dritta, wisa u imdawla u ininterrotta ghal, ghal menu ¾ km.

Illi dina l-Qorti, wara li

1. Ghamlet il-konstatazzjonijiet taghha;

2. Wara li hadet in konsiderazzjoni il-konstatazzjonijiet tal-periti esperti,

Hija tal-fehma li dan l-incident awtomobilistiku sehh minhabba nuqqas ta` tharis ta` regolamenti tat-traffiku min-naha taz-zewg vetturi. Dik tax-xarabank li kiser fi triq principali biex johrog minnha u jidhol fi triq laterali meta, fl-istess triq, mid-direzzjoni opposta, kienet qed tinstaq il-Peugeot misjuqa mill-mejjet Ernest Micallef filwaqt, illi dan, kif jidher mill-*brake marks* u mid-daqqa, kien ghaddej bi *speed* eccessiv u elevat. Ghalhekk, dina l-Qorti qedgha issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni, fost ohrajn, tas-sussegwenti:

1. L-esperjenza vasta bhala xufier tal-karozzi tal-linja tal-imputat illi, minhabba fiha, kellu jkun iktar prudenti fis-sewqan tieghu;
2. It-telf tal-hajja konsegwenza tan-nuqqasijiet tieghu;
3. Il-htija kontributorja tas-sewwieq tal-vettura Peugeot,

Temmen illi piena karcerarja effettiva m’hix is-soluzzjoni f’dan il-kaz. Ghalhekk qedgha tipprefiggi l-hlas ta` multa ta` hames t’elef ewro (€5,000) illi wkoll hija qedgha tikkundannah sabiex ihallas nofs l-ispejjes ikkagunati lix-xarabank u lill-vettura Peugeot.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------